Rică
și
"GRAZIELLA"
Novella.

V

# REDIFFUSION (MALTA) LTD.

P. O. BOX 82

REDIFFUSION HOUSE
ST. LUKE'S ROAD
GWARDAMANĠA

Grazielle

Dear Sir / ~~Madam~~,

Voucher No. 16389 of 16. 6. 60 Value £1 : 5 : 0

Please note that payment of £1. 5. 0 is due to you, and may be collected on any working day during office hours at our Accounts Office, at the above address. This amount is due to you in respect of 14' Ġabra 19 8. 6. 60

It would be extremely helpful if you would kindly collect the above payment within 30 days from the above date.

Please produce the enclosed voucher when claiming payment.

Yours faithfully,
REDIFFUSION (MALTA) LTD.,

Administration Manager,
Programme Department

Encl.

Mr. C. Attard.

# REDIFFUSION

(A SUBSIDIARY COMPANY OF BROADCAST RELAY SERVICE (OVERSEAS) LIMITED)

CABLES: REDIFFUSION-MALTA
TELEPHONES: CENTRAL 5051 (10 LINES)

P. O. BOX 82

REDIFFUSION (MALTA) LTD
GWARDAMANĠA
MALTA G.C.

OUR REF. HB/JG/47/A.2.
YOUR REF.

3rd February, 1960.

GRAZIELLA.

Dear Sir,

This is to inform you that your SCRIPT has reached our office and is being dealt with.

Before this can be considered you are requested to fill in and return to us the enclosed indemnity form.

Yours faithfully,
REDIFFUSION (MALTA) LTD.

Literary Editor,
Programme Department.

C. Attard, Esq.,
22, Prince Albert Street,
Sliema.

REDIFFUSION (MALTA) LTD.

Rediffusion House,
St. Luke's Road,
Guardamangia.

HB/ST/47/

30th May, 1960.

Dear Sir,

We have pleasure in advising you that your work entitled ....GRAZZIELLA.................. has been selected for inclusion in programme No19.... of our Literary series Gabra Letterarja.

This will be recorded in our studios at 5.00p.m. on .3RD.JUNE..1960...... and we would like you to attend at this time.

The fee payable for this contribution will be according to our current tariff, which may be viewed at this office.

The programme is scheduled to be broadcast on the ..8TH.JUNE..1960....... at 9.45p.m.

Would you kindly advise us immediately or phone Prof. G. Aquilina, if you are unable to attend. Please do not take your script away, but leave it with the undersigned.

Yours faithfully,

G. Aquilina.

Prof. G. Aquilina.
Programme Department.

C. Attard, Esq.,
22 Prince Albert Street,
Sliema.

"RITA"

To be replaced.

~~"GRAZIELLA"~~

Novella

ta'

CHARLES ATTARD.

Kien wasal biex jintemm il-jum tal-25 ta' Frar, ta' l-1821. Ix-xemx, bi sbuhita f'inżulha, ~~bi-waqqi dghajfa u ghajjiena tagħha~~ kienet qiegheda taghti l-ahhar tislima lil Gżirietna.

Fil Bajja ta' San Ġiljan, fuq ix-xtajta, żaghżugh sabieh u liebes pulit, deher qed jippassiġġa, ~~kollu~~ hosbieh. Mal harsa li wiehed kien jaghtih, kien jaqtghu ta' xi ghoxrin sena. Minn ilbiesu kien jidher li ma kienx minn dawk in-nahiet. Fuq ix-xtajta fejn kien qed jippassiġġa, kienet tidher imxerrda xi ghodda tas-sajjieda, bhal ma huma, xbieki, lenez, kannestrijiet u xi hbula marbuta man-nassi. Ma' l-ghodda, mixhuta ma' l-art, kienu jidhru ukoll xi sajjieda qed jillixkaw xi knaz ghas-sajda ta' hawn il-lejl.

Iż-żaghżugh, li bhal issa waqaf iħares lejn is-sajjieda, kien jismu Aurelio Xeberras, student mill-Belt, bin familja nobbli. Ghal habta li qieghdin insemmu, Aurelio kien qieghed ghal x'erbat-ijiem ghand wiehed habib tighu, Virgilio Tonna, student bhalu.

Aurelio kien ilu mixtieq hafna li johroġ jaghmel xi sajda u fil-lejla li qieghedin insemmu, wahhal f'rasu li johroġ. Ghall-ewwel, is-sajjieda ma tawh widen; dik il-habta, id-dghajjes tas-sajd kienu żghar u bilkemm kellhom fejn iqeghedu l-ghodda taghhom. Aurelio ra li m'hux ser jirnexxilu jaqta' xewqtu u ghalhekk lil wiehed minnhom weghedu xi flus, u dan hatfu fil-kelma. Minnufieh Aurelio sab ruhu fuq id-dghajsa.

Ix-xemx, issa, kienet eghebet wara l-gholjiet ta' l-Imdina u l-lejl, kien ġa qed jifrex il-mant mudlam tighu, x'hin Aurelio, fuq id-dghajsa kien jinsab bejn sema w ilma.

Ghall-ewwel, Aurelio mar jintefa' bilqiegheda mal-murata; dendel idu ghal ġol bahar u qaghad jiehu gost ihoss l-ilma ghaddej jigri, imma, wara ftit, haseu qed jidhawwad u mar qaghad bilqegheda n-naha tal-pruwa. Pietru, sid id-dghajsa, intebah b'dan u wara li qaghad iħares lejh sewwa, qallu:

"Nahseb li ma tantx ghażilt lejla sabieha biex tigi maghna.. L-ajru mdahhab u qalbi tghidli li ma jdumx ma jdur ir-rieh."

"U x'jigri b'daqshekk?" Staqsieh Aurelio ftit u xejn inkwiet.

"Jitqanqal il-bahar u jkollna x-xita." Wieġbu Pietru waqt li tefa' harstu fuq xefaq il-bahar.

Hekk kien, ghaliex wara ftit, iż-żiffa ġiet kontra d-dghajsa u din, minnufieh, bdiet tiela u nieżla mal-mewġ. Pietru kellu seba' mitt sena sa jasal fuq il-post fejn soltu kien jistad. Il-bahar beda jżid u minn-naha tal-Grigal bdiet ukoll tlehh xi berqa.

Sa dan il-hin, Aurelio kien rieqed fuq ix-xibka. "Ahjar raqad milli ghamillu d-deni l-bahar" tenna f'qalbu Pietru. Il-bahar kompla jżid, tant, li Pietru beda jaqta qalbu li jkompli hiereġ il-barra. Il-bahrin qablu mighu u ghalhekk id-dghajsa minnufieh sabet ruhha pruwa lejn l-art. Donnu li f'dik il-lejla, l-ajru ried ifaqqa xi burraxka qawwija. Ir-reih f'salt wiehed rega' dar u d-dghajsa minflok bdiet mixja l-quddiem, aktar bdiet sejra l-ura, tant li fi ftit minuti sabet ruhha fuq il-Bajja ta' San Pawl ~~xxxxxxxx~~. Dak il-beraq, issa beda ilehh aktar fil-qrib u mighu bdiet ukoll traxxax ix-xita. Pietru wara li qaghad jahsib_a ftit, dar fuq shabu u qallhom:

"Mbieb, l-ahjar li naghmlu niedhlu Bugibba ghar-rdoss, imbaghad jekk ir-rieh icedi, nohorġu mas-sebh."

"Iva, ahjar naghmlu hekk." Wieġeb l-anzjan fost il-bahrin.

Nofs siegha wara, id-dgħjasa sabet ruħha marbuta max-xtajta ta' Buġibba. Pietru, Aurelio u l-baħrin, irħewla lejn dwejra fqajra fejn kien jgħammar kuġin ta' Pietru bil-familja.

Wara taħbita ċkejkna, dfaċċat fuq il-bieb Graziella, xbejba ta' xi tmintax il-sena u kif din lemħet lil Piteru/ u lil sħabu:

"Għaddu, għaddu, .xx. Missier, hawn il-kuġin u sħbau.

"Kelna nidħlu għar-rdoss Buġibba. Ma jimpurtax, hux tassew jekk għal dal-lejl nieħdu kenn hawnhekk?" Qal Pietru lil kuġinuh Indri.

"Hekk jonqos ukoll, lejla bħal din... Għaddu u qisu ruħkhom li qiegħedin id-dar." Wiegbu Indri waqt li beda inewlilhom xi banketta halli jserrħu xi ftit.

Għajnejn Graziella, bħall-issa, marru fuq Aurelio. Iż-żagħżugħ kien jidher gbajjien, għaliex kif newlulu banketta intafa' fuqa qisu ċomba. Graziella kif tefgħet għajnejha fuq iż-żagħżugħ, intebħet li ma kienx tas-sengħa li fieha trabbiet il-familja tagħha u għalhekk bdiet tħoss xi ħaġa li ġagħalitha tieħu ħsiebu aktar mill-oħrajn. Aurelio, mill-banda l-oħra, kien qiegħed josserva is-sempliċita' u l-ħeffa ta' Graziella li f'dak il-ħin, kienet qiegħeda tħejjilu xi firxa biex jistrieħ matul il-lejl.

L-għada, il-maltemp, baqa' xorta. Il-qawwa tal-baħar ma naqset xejn u għalhekk, Pietru u sħabu qatgħu li jibżgħu jiskennu fid-dwejra ta' Indri. Aurelio kellu jikkuntenta li jibqa' magħhom ukoll.

Il-familja Tonna allarmat ruħha m'hux ftit, meta f'dik il-lejla Aurelio ma regghax l-ura d-dar; huwa kien qalilhom li aktarx kellu joħrog ma xi sajjied, iżda meta sebaħ u ż-żagħżugħ ma deherx, allura bdew jibżgħu li ġralu xi ħaġa. Għal xxxxxxx xil-ħdax ta' filgħodu waslitilhom risposta li Aurelio kien jinsab f'San Pawl il-Baħar ma' Pietru is-sajjied. Pietru kien ħa ħsieb li jibagħat javża lil familji tagħhom li minħabba l-maltemp kienu baqgħu San Pawl.

Missier Virgilio, għgħel lill-ibnu jaqbad kaless u jitla għal Aurelio minnufieħ. Meta dan wasal fid-dwejra ta' Indri, ħassu jistħi minnu n-nifsu, meta ra lil sieħbu mdawwar b'dak il-faqar. Virgilio talab lil Aurelio biex jerġa' l-ura miegħu.

"Ħabib - wiegbu Aurelio - Nixtieq li nerġa' l-ura bil-baħar, din m'hix ser terġa' tkun għada." Virgilio kellu jikkuntenta jerġa' l-ura lejn San Giljan waħdu.

Qatt, fil-ġrajja ta' dawn il-Gżejjer, il-maltemp ma dam sejjer hekk fit-tul. Sakemm ibbnazza li Pietru setgħa jitlaq l-ura lejn San Giljan, kienu għaddew tmient-iġiem.

Matul dawn il-ġiem, il-ħbiberija bejn Aurelio u Graziella, rabbiet l-għeruq sewwa. In-natural, ftit u xejn selvaġġ u sempliċi tax-xbejba, nissel fiż-żagħżugħ ġibda li ma xtaqx jitlaq minn dik id-dwejra. X'imdaqqiet, it-tnejn flimkien, kienu jerħula għal qalb l-għelieqi. Il-ħdura u l-arja safja ta' Buġibba kienet tħajjar liż-żewġ żagħżagħ jagħmlu passejn flimkien ta' sikwiet. Darba fost l-oħrajn, waqt li kienu bilqiegħeda fuq għolja ċkejkna, Graziella uriet lil Aurelio, Għar ċkejken in-naħa tal-Qawra.

"Qiegħed taraħ dak il-għar?" Staqsietu bil-ħlewwa Graziella.

"Iva, għaliex?" Staqsieha kurjus Aurelio.

"Fiż-żmien, f'dak il-Għar, kien jgħix eremita....Jekk qatt xi darba, qalbi tkun imnikkta, immur nistaħba hemm... waħdi... fejn ma nara lil ħadd."

Għal Aurelio, il-kelma niket, f'dak iż-żmien, ma kellha ebda tifsir u għalhekk wara ftit ħajjarha biex jitilqu l-ira lejn id-dwejraġ

Bħal m'għedna, egħluq it-tmient-ijiem li Aurelio kien ilu San Pawl il-Baħar, sebaħ bnazzi u għalhekk, Pietru, mat-tbexbix, kien ga

lest biex isalpa ghal San Giljan. Aurelio, flimkien ma' l-ekwipaġġ tad-dghajsa, sellmu lil Indri u l-familja tighu u bil-qajla rhewla ghall-abbord. Ftit minuti wara, d-dghajsa ngalghet minn mal moll u bdiet mixja l-barra mill-bajja. Aurelio, beda jahseb kif ghadda dawk it-tmient-ijiem; minnufieh ftakar fi Graziella, fil-kliem li qalu lil xulxin matul il-passiġġati li kienu jaghmlu flimkien u fl-ahhar hass dik l-ghafsa li bieha ghafsietlu idu qabel infirdu. Dawwar rasu l-ura u fuq il-blat, lemah lil Graziella, wieqfa, ixxejjer b'maktur abjad. Kien ra sewwa. Kif id-dghajsa dbeghedet mill-art, Graziella griet lejn gholja biex taghti l-ahhar tislima liż-żaghżugh. Bid-dmugh f'ghajnejha bdiet ixxejjer u kieku wiehed setgha jersaq warajha, kien jismaghha tghid, minn taht l-ilsien: "Maria Santissma, aghtini l-grazzja li jerga' l-ura..." Graziella kienet thobbu.

Meta d-dghajsa eghelbet minn quddiemha, telqet lejn id-dar, tahseb fil-hena li garrbet fil-jiem li ghadew. Mohha beda jewden kif iġġighel lil Aurelio jibqa' jahseb fieha. F'salt wiehed haffet il-pass, bil-hsieb li kif tasal, tinseġ kuruna tal-qroll biex tibaghtielu bhala tifkira taghha. Ma kienitx biċċa xoghol hafifa, ghaliex ghadda iżjed minn xahar meta l-kuruna kienet lesta. "Kif sejra nibaghtielu?" Staqsiet lilhi n-fisha. Nannuha, kien ta' sikwiet imur San Giljan u ghalhekk, darba minnhom, resqet lejh u kollha misthija:

"Nan, meta behsiebek tmur San Giljan?"

"Il-gimgha d-diehla nasal wasla."

"Taghmilli pjaċir?"

"Ghidli, Graziella... x'ghandhek bzonn?"

"Ghandhi dil-kuruna, nixtieqek twassalieli"

"Inwassalielhel, fejn?"

"F'dan l-indirizz" u hawn taghtu karta mitwija.

"Tajjeb, inwassalielhek....Jaqaw?" Qallha nannuha wara li qara isem u l-indirizz ta' Aurelio.

"Kont weghedtielu meta kien hawn."

"Graziella, jekk ghamilt xi hsieb ghalieh, tista' thassru... Dak iz-zaghzugh bin/ is-sinjuri, m'hux ser jiehu lilhek."

/ Ghal dal-kliem, Graziella marret inghalqet f'kamritha, qalba sewda, tahseb fil-kliem li qallha nannuha. Aurelio, kemm damu flimkien, ma qallhiex kelma wahda li bieha setghet tittama f'imhabbtu. B'ghajnejha f'gati bid-dmugh, resqet lejn il-gredenza u qeghedet dik il-kuruna li nisġet ghal mahbub taghha, quddiem xbieha tal-Madonna.

Qalba maqtugha mill-imhabba ta' Aurelio, Graziella laqghet it-talba ta' l-gherusija li ghamlilha Fonsu, zaghżugh minn San Pawl il-bahar li kien ilu ihares lejha żmien. Darba fost l-ohrajn, Indri u martu kellhom bzonn jinżlu sal-Belt. Kienu ghaddejja minn triq Merkanti, x'hin lemhu lil Aurelio qieghed jidhaddet ma' żewġt-ihbieb tighu. Aurelio, kif lemaghhom, resaq lejhom, selmilhom bil-qalb u staqsihom ghal binthom Graziella. L-ahbar li din kienet tgharrset, deheret li hawdet liż-żaghżugh m'hux ftit, tant thawwad li 'ddecieda li jmur San Pawl maghhom.

Kienu l-hamsa ta' filghaxija x'hin Indri, martu u Aurelio waslu d-dar. Hdejn il-bieb, kien jinsab Fonsu, bilqeghda fuq gebla, imbikki.

"X'gara?" Staqsieh Indri mbażża.

"Graziella harġet u ilha nieqsa minn ftit wara li hrigtu inthom.

"Maria Santissma...Fejn setghet marret?" Tenniet omma bhal wahda miblugha.

"Stennew!.." Qallhom Aurelio, mhasseb. "Qiegħed niftakar, darba qaltli: "Jekk qatt xi darba, qalbi tkun imnikkta, immur nistaħba hemm..."

"Hemm fejn???" Staqsiet bħal waħda miġnuna ommha.

"Fil-għar ta' l-Eremita." U kif temma dawn il-kelmiet, telaq bil-ġirja lejn il-Għar.

Graziella kienet hemm, mixħuta fuq ġebla, f'rokna, fid-dlamm, im-tertra bil-bard.

"Graziella!..." Għajjat ferħan Aurelio. "Alla l-Imbierek nebbahni l-int qegħeda hawn."

"Aurelio!..." Għajtet mistagħġba Graziella.

"Ġejt infittxek...Qaluli l-int ħriġt mid-dar u li ilhek nieqsa minn dalgħodu... Int qegħeda tirtgħod...Alla tiegħi, wiċċek isfar daqs ix-xama...Għaliex, Graziella? Għaliex ġejt hawn?"

"Għaliex jiena ma nħobbux...Ma nistgħax nizzewwġu." Wieġbitu mbikkija Graziella.

"Imma għaliex?"

"Għaliex inħobb lilek... Aurelio, tgħidli xejn, nitolbok.... Għedtlek sigrieti daqskemm ~~kik~~ku qegħeda nqerr...Jiena naf li jien xbejba fqira, bla skola...naf li ma nixraqlekx...Jien qatt ma staqsejtek jekk tħobbnix."

"Graziella...."

"Le...Aħjar ma tgħidli xejn."

Fsalt wieħed Aurelio ntebaħ li Graziella kienet qatgħet xarha.

"X'għamilt b'xahrek, Graziella?/ Għaliex qtajtu qasir?"

"Tajtu rigal lil Madonna, biex ittini grazzja l-int terġa' tiġi tarani... Kerha,hux tassew, b'xarhi qasir?"

"Le, qatt ma naf li rajtek sabiħa daqs il-lum..." U ma' dawn il-kelmiet, rassha ma' sidru u stampalha bewsa fuq xuftejha. "Irrajt l-ura għaliex jiena wkoll inħobbhok..." u hemm, f'dak il-għar, damu biċċa sewwa.

Aurelio kiteb ittra lil niesu u għarrafhom li kien beħsiebu jqatta' xi jiem f'San Pawl il-Baħar. Indri, li issa sar jaf liż-żewġ żagħżagħ kienu jinħabbu, ried li Aurelio jiddeċiedi... Fin-nofs kien hemm Fonsu u għalhekk ried jara kif ser jeħles minnu. "Hemm bżonn tara x'ser jagħmel." Qalla missiera b'leħen żorr, "Jekk ma tgħidlux int, ngħidlu jien." Graziella ma riedítx temmen li Aurelio għad ji~~żżewwi~~għha; hi kienet bint il-faqar waqt li l-maħbub tagħha kien bin il-għonja. Haġa bħal din ma tista' issehh qatt - kienet tgħid bejnha u bejn ruħha - Għalija bizzejjed li Aurelio jkun ħdejja u li nkun naf li jħobbni. Kull siegħa ta' hena, għal Graziella,kienet grazzja u għalhekk bi kliema kienet tittama lil missiera.

Aurelio, waqt li kien ikun ħdejha, sikwiet kien ikellimha fuq ommu. Kien jgħidilha li din kienet mara istruwita u li kienet tħobb tilbes ħafna. Hawn. Graziella, kienet tħoss id-differenza li kien hemm bejn il-familja tagħha u dik ta' Aurelio. Iż-żagħżugħ. darba minnhom, intebaħ b'dak li kienet qegħeda taħseb u biex jurieha li kollox kien bil-maqlub, rassha miegħu, biesha u talabha biex tiż~~żewġ~~gu. It-twiġiba ta' Graziella kienet bewsa oħra. Aurelio kiteb minnufieh lil niesu imma din l-ittra baqgħet bla ebda twiġiba.

Aktar ma beda jgħaddi z-zmien, aktar bdiet tikber l-imħabba. Jum fost l-oħrajn, Aurelio rceva ittra minn għand missieru fejn għeddu li jekk ma jerġax l-ura d-dar, jneħħieh mill-wirt tal-familja. Wara ħafna weġħediet, ~~xxxxxxxx~~ iż-żewġ żagħżagħ iddeċidew li jinfirdu għal ftit taż-żmien.

"Jiena nerga' l-ura, ikun x'ikun..." Qalla bil-hlewwa waqt li bisielha ida. "Jekk immur id-dar, inkun nista' nipperswadihom, tista' isserrah rashek...Jien m'indumx aktar minn xahar, imbaghad ma ninfirdu qatt izjed." Qalb Graziella kienet qegheda thabbrilha xort'ohra u meta sabet ruhha mifruda mill-gdid mill-mahbuba tahhha regghet wagghet fin-niket ta' qabel; tilfet is-sabar, il-hena, tilfet kollox; il-hajja, ghalieha saret haga żejda. Fl-ahhar waslet ittra minn ghand Aurelio. Iż-żaghżugh baghat jghidilha li biex ma jharraxiex ma' missieru, weghedu li ghandu jkompli l-istudji tighu qabel ma jizzewweg.

"Jhetieg li nistennew ftit iehor - Taqtax qalbek...Hadd m'hu ser jifridna." Dal kliem ghal ftit reggha qawwielha qalba, imma meta reggha ghadda ftit taz-zmien u Aurelio baqa' sieket, allura reghet wagghet fi dwejjaq kbar. Kull ma tmur bdiet sejra l-ura; wiċċa beda jogholob, lewnha kien qed isir sfajjar u ghajnejha bdew niżlin fil-hofra. Il-hin tal-jum kienet tghaddieh, minduda fis-sodda, tahseb f'dawk il-jiem helwin li ghaddew minn fuqha...tistenna li tasal x'ittra ta' tama, imma dawn, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar bdew jidbeghedu. It-tabib m'gharafx x'kienet il-marda taghha... Kienet marda diffiċli, marda li tifni l-qalb ftit, ftit...Kienet il-marda ta' l-Imhabba. Din, bi hruxitha, kienet qegheda tressaqa lejn il-qabar.

Kienu ghaddew aktar minn hames xhur u f'dan iż-żmien, ix-xewqa li Aurelio jerga' l-ura lejn San Pawl, kull ma tmur bdiet tnin. Darba wahda, f'idejn Aurelio waslet ittra minn ghand il-mahbuba tighu. Kienet l-ahhar tislima. Iz-zaghzugha kienet waslet f'tarf hajjitha. "Is-sliem..." qaltlu fl-ittra taghha - "Li jiena immut, ikun ahjar milli nghix il-boghod minnek."

Aurelio, ma setghax jitlef żmien. Kontra r-rieda ta' niesu, qabad kaless u telaq minnufieh ghal San Pawl il-Bahar. Kien tard wisq. Quddiem il-bieb fejn kienet toqoghod Graziella, kien hemm gemgha ta' nies, jibku t-telfa taz-zaghzugha xbejba.

"Mietet?" Staqsa bhal wiehed miblugh Aurelio kif ra dik id-dehera.

"Iva..." Wiegbu Fonsu bid-dmugh f'ghajnejh - "Mietet vittma ta' imhabbtek."

U hawn, Aurelio, mill-gdid rega' semgha f'widnejh l-ahhar kelmiet li kitbitlu Graziella: "Li jiena immut, ikun ahjar milli nghix il-boghod minnek." Mitluf minn sensieh, dahal gewwa u baqa sejjer hdejn it-tebut li fieh kienet tinsab il-mahbuba tighu. Ghajnejh fgati bil-biki, ħbaxxa ghal fuq Graziella, u waqt li stampalha bewsa fuq haddejha, nstama' jghid: "Missier.... int...int biss tahti ta' dan."

# "Graziella"

Kien wasal biex jintemm, l-istess bħal li qablu, il-jum tal-25 ta' Frar, 1821. Ix-xemx, li sbuħitu j'inżulha, ~~bżonsaggi~~ dgħajsa u għajjiena laqtuha kienet qiegħda tagħti l-aħħar tisliema ~~lilha~~ lill-Gżira. Fil-Bajja ta' San Ġiljan, fuq ix-xtajta, żagħżugħ sabiħ u liebes pulit, dehru qed jippassiġġa kollu ħsibijiet. Dal-ħarsa li wieħed kien jitfa' fuqu, kien jagħraf li xi għawġ kien jinkwetah. Kien ilbiesu kien jidher li ma kienx minn dawk in-nies. Fuq ix-xtajta fejn kien qed jippassiġġa kienet tidher immexxija xi għodda tas-sajjieda, bħal ma huma, xbieki, lenzi, kannestrijiet u xi kbula mxerrda 'l hawn u 'l hinn. Dawk l-għodda mitluqa ma' l-art, kienu jidhru wisq tal-sajjieda qed jistennew xi ħaġa għas-sajda tal-għada tal-lejl.

Iż-żagħżugħ, li bħall-issa, waqaf iħares lejn is-sajjieda, kien jismu Aurelio Scicluna, student mill-belt, minn familja nobbli. Għal xi żmien li qiegħed insemmu, Aurelio kien jinsab qiegħed għal xi ftit jiem għand wieħed ħabib tiegħu Virgilio Borg, student bħalu.

Aurelio kien ilu mistrieħ ħafna li jorqod fejn xi sajda u f'dil-lejla waħħal f'rasu li jorqod għall-ewwel, is-sajjieda kollha qalgħu qalbhom li jiddeċiedu magħhom. Dik il-ħabta, xid-dgħajjes kienu żgħar u bilkemm kellhom fejn iqegħdu l-għodda tas-sajd tagħhom. Aurelio ra li m'hemmx jinħass li jagħti xi ngħid u għalhekk beda jqegħdhom xi flus. Sajjied, minnhom kollha fil-

kilma u telgħu minnħu fuq id-dgħajsa. Ix-xemx, issa, kienet egħlbet wara l-għoljiet ta' l-Imdina u d-~~dlam~~ lejl kien għa qed jifrex il-mant swidlam tiegħu-x'kien Aurelio fuq dik id-dgħajsa kien jinsab fejn sema w'ilma.

Għall-ewwel, Aurelio, ma ntefa' mal-imqadef; dendel idu għal-gol-baħar u qagħad jieħu gost, iħoss l-ilma għaddej jiġri minnu wara ftit, ħassu li qed jitħawwad u għalhekk, qam minnejn kien u mar qagħad bilqegħda fuq xi bikka n-naħa tal-Pruwa. Pietru sid id-dgħajsa, intebaħ b'dan u ~~għalhekk~~ wara ftit li qagħad iħares lejh, qallu:

"Naħseb li ma tantx għażilt-lejla sabiħa kien tiġi magħna. L-ajru ma tantx huwa sabiħ u qalbi tgħidli li ma jdumx m'jdur ir-riħ."

"U x'jiġri, b'daqshekk?" staqsa Aurelio ftit u xejn inkwetat.

"Jitqanqal il-baħar u jħallina x'naqdu." wieġbu Pietru waqt li tefa' ħarstu fuq xefaq il-baħar.

Hekk kien, għalkemm ftit wara, iż-żiffa qabet konna d-dgħajsa u minnufih, din, bdiet tiela' u nieżla mal-mewġ. Pietru ħalla aħla' mill-ewwel sa jasal fuq il-post fejn s'issa kien jistad. Il-baħar beda jżid u minn-naħa tal-Grigal bdiet wieħed tlikk xi ħerġa.

Sa dan il-ħin, Aurelio kien niżel fuq ix-xiebka.

"Aħjar milli għamilna d-dawl il-baħar"

lemma j'qalbu Pietru: Il-baħar kompla jżid, tant li Pietru beda jien jaqta' qalbu li jkompli kieseġ il-baħra. Il-baħrin wkoll kienu tal-istess fehma u għalhekk id-dgħajsa mexxewha sabiex jsibu post minn fejn l-art. F'salt waħda ċaqilqet dar in-nies u d-dgħajsa, flok ma bdiet miexja l-quddiem aktar, bdiet sejra l-isfel, tant li ġie fl-aħħar sabiex mieħed sa fejn il-bajja ta' San Pawl. Ix-xita, issa bdiet nieżla qawwija u n-nies kull ma jmur beda jitgħarraq."

Pietru ^wara li^ qagħad jaħseb ftit, dar lejn sħabu u qalilhom:

"Ħbieb, qalbi tgħidli li aħjar nidħlu għal kenn, f'Buġibba, minflok nibqgħu hawn fil-baħar, nokorgu mas-sebħ."

"Iva, aħjar," wieġeb wieħed mill-baħrin. "Ix-xita kull ma jmur qiegħda tiżdied ukoll."

Wara ftit, id-dgħajsa sabet ruħha marbuta max-xatt ta' Buġibba u Pietru jkellem ma' Anġlu u l-baħrin, inkella lejn dwejra fejn kienu joqogħdu kuġini ta' Pietru bil-familja.

Fuq il-bieb deher ^Graziella^ xebba ^li nieżlet tgħinhom lill-qrib^ u kif lemħet lil Pietru:

"Għaddej, għaddej Żi!" Rissier, hawn il-kuġin u sħabu."

"Kelma midħla għandek Buġibba, ma jimpurtax x'ma laqgħu fiha mieħdu kenn hawnhekk!" Qal Pietru lill-kuġinuh Ludvi.

"Hekk jaqbel wkoll, lejla bħal din, togħdoru jekk id-dgħajsa." ~~Wieġeb~~ Għaddej u ~~qiekhom~~ qasmu sikkhom qegħdin id-dar." wieġbu Ludvi waqt li beda

inewlilkom sa banketta kelli-issieħbu sa ftit.

Għajnejn Graziella, bħall-oħra, marru fuq Aurelio. Dan kien jidher għajjien; għalkemm kif newlulu banketta, intefa' fuqha qisu ċomba.

Graziella ntebħet li Aurelio ma kienx daż-żagħżugħ li fiha trabbiet il-familja tagħha u għalhekk bdiet tħoss xi ħaġa li għażlitha tieħu ħsieba jġjed mill-oħrajn. Aurelio mill-banda l-oħra, għajnejh kienu qiegħdin josservaw is-sempliċità u l-ħuffa ta' Graziella li f'daqqa il-kien kienet qiegħda tħejjija xi fisra kien fuqha jistieħ.

L-għada l-maltemp ~~kompla~~ baqa' sod, il-gawwa tal-baħar ma waqfetx tgħajjat u għalhekk Pietru u Shaban qalgħu li jitilgħu jistennew fid-dwejra t'Ludi. Aurelio kellu jikkuntenta billi jibqa' magħhom, jaqra ktieb ikejjsen li kellu fil-but.

Il-familja Simma allarmat ruħha meta' kien fit mela f'daqqa il-lejla, Aurelio ma riedx l-ewwel d-dar.

L-Għada filgħodu, Pietru ħa ħsieb li jitlgħaq fuqra mal-familji tagħhom li minħabba l-maltemp kienu baqgħu San Pawl.

Missier Virgilio, għażel lill-iben fuqrad kaless u jġib għal Aurelio u jġibu l-ewwel mingħi minnufih.

Mela Virgilio wasal fid-dwejra ta' Ludi, ħaseb mistħi mela ra lill-wieħed ... b'daħk il-fuqar. Hawn ~~qalla~~ tal-ba li ~~mużew~~ kien jiġri l-ewwel ~~baqgħu~~ mingħu, imma dan stagħ li jitlqa bemm mar-sajjieda sakemm dawn jerġgħu għal-San Ġiljan tal-baħar. Virgilio kellu jikkuntenta jiġri l-ewwel waħdu.

Qatt, fil-ġrajja tā' dawn il-gżejjer, ~~iltaqa'~~ maltemp ma dam sejjer hekk fit-tul. Sakemm ibbnazza, ~~kien~~ li Pietru setgħa jerġa' lura lejn San Ġiljan, kienu għaddew tmint-ijiem.

Matul dan iż-żmien il-ħbiberija bejn Aurelio u Graziella kienet qabbdet l-egħruq ~~sewwa~~. Bin-natural, ftit u xejn tilbragg u sempliċi tā' Graziella missiel fiż-żagħżugħ ġibda li ftit, ~~ftit kienet qiegħda~~ u xejn ~~kellu aptit~~ xelaq jitlaq minn dik id-dwejra. Xi mdaqqiet, it-tnejn flimkien, kienu jitilqu għal qalb l-għelieqi biex jgawdu l-arja u l-ħemda tā' dawk l-inħawi. Darba minnhom, waqt li kienu qiegħdin bilqiegħda fuq għolja ċkejkna, Graziella wriet lil Aurelio, Għorfa ~~ftit 'il bogħod~~ in-naħa tal-Qawra. "~~Hemmhek~~ Dik l-Għorfa, ~~jgħidu~~ fiż-żmien kien jgħix eremita; jekk qatt xi darba qalbi tkun imnikkta," ~~[illegible]~~ kompliet tgħidlu waqt li ħarset f'għajnejh, "Immur nistaħba hemm! Dik l-Għorfa." Għaż-żgħażagħ il-kelma niket, dak inhar ma kellha ebda tifsir u għalhekk ~~[illegible]~~ inħewla lejn id-dwejra, daħqu u ferrħu. Ola ma tawx kas tā' dak li ntqal bejniethom.

Bħal m'għidna, egħlaq it-tmien tijiem li Aurelio kien ilu ~~Pietru flimkien ma' ħbiebu hawn~~ f'San Pawl il-Baħar, fetaħ ~~il~~ bnazzi u għalhekk ma' it-Tberbix, ~~il-kuttratt~~ Pietru kien lest biex ~~jitlaq għall-ħut~~ jitlaq lejn San Ġiljan.

Aurelio flimkien mal-ekwipaġġ tad-dgħajsa, sellmu lill-Ludu u l-familja tiegħu u bil-qalb sħiħa għall abbord. Ftit minuti wara, id-~~dgħ~~ dgħajsa nqalgħet minn mal-art u bdiet miexja l-baħar mill-bajja. Aurelio beda jaħseb kif għaddew dawk it-tmint-ijiem. Minnufih ftakar fi Graziella, fil-kliem li qalu

li qalu bejniethom, fil-passiġġati u fl-aħħar fl-għaxja li għaxxiet ~~qabel tilaq~~ mela salmietthu... Darwar rasu u ħaġ blalu għolja lemaħ lill-Ġraziella, sseċċjet b'maktur abjad... Kien ra sunnar. Kif id-dgħajsa dbiegħdet mill-art, Ġraziella ġriet ħaġ għolja biex tagħti l-aħħar tislima liż-żagħżugħ. Bid-dmugħ f'għajnejha bdiet issejjer u biha werżied ~~x~~ sala, ikun warajha, kien jismagħha tgħid: "Ave Maria Santissima... ~~għamel~~ għallimt li jerġa' ngħatini l-grazzja li jerġa' l-usa..." Ġraziella kienet tħobbu.

Mela d-dgħajsa għebet minn quddiemha, telqet lejn id-dar, tatisek fit-ħena li garbet fil-jum li għaddew. Moħħha kien jiwdes kif iġġiegħel lill-Aurelio jerġa' jaħtieb fiha. F'salt werżiet ħaffet il-pass, ~~donna li kellhom~~ bil-ħsieb li kif tasal tissejja l-kunna tal-qrall biex titlagħha bħala tifla tagħha. Ma kienitx biċċa xogħol ħafifa għalhiex għaddiet żija minn sakar mela ~~din~~ il-kunna kienet leslu. "Kif ser nibagħtilu" staqsiet Ġraziella lilha nfisha? Nannuha kien imur spiss lejn San Ġiljan u għalhekk daba fost l-oħrajn saqsiet lilu u ~~bil-kliem~~ kellha mistija:
"Nan, mela bikuibek lura San Ġiljan?"
"Il-Ġimgħa d-dieħla, nasal, wasla."
"Tagħmilli pjaċir?"
"Għidli, binthi, x'għandhek bżonn?"
"Għandi dil-kunna, niftiegħek twassalieli"
"Nwassalielhek, jien!"
"F'dan l-indirizz." u hawn tagħtu karta mitwija.

"Sajjeb, ma nwassalkielek... Tagaw?"
"Kont weghedtielu, ~~i~~mela kien hawn."
"Grazzilla, jekk ghamilt xi hsieb ghalih, tinsa' tħassru. Dak hiex is-sinjuri, ma hux se jiehu lilhek."

Ghal dal-kliem, Grazzilla marret imghaġġla f'kamritha, qalbha sewda, tahseb fil-kliem li qalet ommha. Aurelio, ~~ma qallha~~ kemm dam jitkellem, ma qallhiex kelma wahda li kienet xtaqet tisma' [jinhabbu]. B'ghajnejha fgati bid-dmugh, resqet lejn Providenza u qeghdet dik il-kuruna li resqet ghal mathuba taghha quddiem xbieha tal-Madonna.

Qalbha maqtugha mill-Imhabba ta' Aurelio, Grazzilla laqghet it-talba ta' l-ghenusija li ghamlitha Fonzu, zaghzugh minn San Pawl il-Bahar li kien ilu jhares lejha zmien.

Darba fost l-ohrajn, Indri u Marlu kellhom bzonn jinzlu l-Belt. Kienu ghaddejja minn ~~Strada~~ Triq Merkanti, x'hin lemhu lill-Aurelio qieghed jitkellem ma' zewg tfajliet. Aurelio, kif lemaghhom, resaq lejhom, sellmilhom bil-qalb u staqsiehom ghal Grazzilla. L-akbar li Grazzilla kienet tghozz deheret li hawditu ma hux ftit; tant hawditu li ~~weghedhom~~ [qalilhom] li ~~l-ghada kellu jasal wasla s'ghandhom~~ iddeċieda li jmur San Pawl, maghhom.

Kienu l-hamsa ta' filghaxija x'hin Indri, Marlu u Aurelio waslu d-dar. Hdejn il-bieb kien jinsab Fonzu, ghajnejh fgati bid-dmugh.
"X'gara?" staqsieh Indri imbezza.
"Grazzilla, harget u ma nafx x'sar minnha."
"Stennew!..." qalilhom Aurelio mhasseb. "Qieghed niftakar, darba qaltli "Jekk qatt xi darba, qalbi

Hemm innikkla, imma mitlufa hemm....
"Hemm fejn???" staqsiet imwerwra omm Graziella.
"Fil-~~Għorfa~~ Għar ta' l-Eremita." Kif kienu daqn il-kelmiet, Aurelio telaq jiġri lejn il-Għar.
Graziella kienet hemm, ~~im~~ mixħuta f'rokna, fid-dlam, imbeżża bil-bard.
"Graziella, Alla l-kbir mbagħtni niġi insibek hawn... Int qiegħda tissogħod... qiegħda tbati il-bard... Alla tiegħi... inċċċ isfar daqs ix-xama... għaliex għamilt dan, Graziella? għaliex?
"Jiena m'inħobbux... Ma nistax niżżewġu"
Wieġbitu bid-dmugħ f'għajnejha.
"Għaliex?
"Għaliex inħobb lilek... Tgħidli xejn... Għidtlek żgħiret daqshekk kienu qegħdin ngħixu... Jiena naf li jiena xebba f'gajża... ~~xtaqt~~ bla skola... jiena ma nixraqlekx... Qatt ma staqsejtek jekk tħobbinix..."
"Graziella..."
"Iskot.. tgħidli xejn, nitolbok."
"~~Graziella~~... F'salt wieħed Aurelio ntebaħ li Graziella kienet qatgħet xagħarha. "X'għamilt, Graziella? għaliex qtajt xagħrek?
"Tajtu rigal lil Madonna biex ittini grazzja li int terġa' tiġi lura. Kerha, hux, issa, b'xagħri qasir."
"Qatt ma naf li rajtek sabiħa bħal-lum." U ma damux il-kelmiet xxaqqa ma' sidru u stampata bewsa fuq xufftejha.
"Irġajt l-ewwa, għaliex jiena wkoll inħobbok." U hemm, f'daħla l-Għar, niltaqa' fl-imħabba, damu biċċa sewwa.

Aurelio kiteb ittra lil niesu u għarrafhom li kien beħsiebu jqatta' xi jiem f'San Pawl il-Baħar.

Issa li issa sar jaf liż-żewġ żgħażagħ sew jinħabbu, qiegħed li Aurelio jiddeċiedi. "Issa tista' tgħidli int, nagħmilha jien" Qalbha ~~tiħdi Grazzilla~~ b'kelma ~~[illegible]~~ żors.

Grazzilla ma riditx tammen li Aurelio għandu jiżżewwiġha. Hi kienet tafha sew, waqt li hu kien kien il-għarusa. Haġa bħal din ma tistax tissejjaħ qatt. Għaliha, kien biżżejjed li Aurelio kien qiegħed u li kien taf li huwa jħobbha. Kull ruħha tagħha, għaliha kienet tfisser grazzja li ma kienetx tixirqilha.

Aurelio ~~u Grazzilla~~ waqt li kien ikun ma' Grazzilla, dak is-sikwit kien iħallieha fuq ommu. Kien jgħidilha li din kienet mara istruwita u li kienet tħobb tilbes tajjeb. Hawn Grazzilla kienet tħoss id-differenza li kien hemm bejn il-familja tagħha u dik tal-maħbub tagħha. Aurelio, dejjem meta inħoss intebaħ b'dak li kien għaddej minn moħħ Grazzilla u kien jinċiha li hallas kien lil-maqtul, neżaq lejha, bewsa u talabha biex tiżżewwiġu. ~~Grazzilla~~ Il-twieġiba ta' Grazzilla, kienet bewsa ta' imħabba. Aurelio kiteb minnufih lil niesu imma din l-ittra baqgħet bla ebda tweġiba. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar bdiet tikber l-imħabba ta' bejniethom. ~~[illegible]~~ Tant fost l-oħrajn, Aurelio rċieva ittra minn għand in-nisien fejn għaddu li jekk ma jirġax l-ewwel lejn id-dar, jiskludiħ mill-wirt u jħalluh iddiżereda li jinsisti minn Grazzilla għal xi ftit taż-żmien.

"Tema nerġa' l-ura, mi'ndunix" qal bil-
kliewra lil Grazzjella, "Tekk uniex id-
dar, ikun mistà' nippersważahom. Tema
m'indunx aħlar minn għoxrin qatt jien. —
tista' tisserraħ rasħek," antagħad ma nirpidu
qatt iżjed". Dmewwas Grazzjella, qalba,
kienet qegħda tħabbatha li m'hix sejra
taraħ iżjed.

Meta Grazzjella sabet ruħha mifruda mill-
maħbub tagħha, tilfet l-hena u s-sabar.
Kollox ~~kien~~ beda jdejjaqha, il-ħajja għaliha
saret ħaġa iżjed. Fl-aħħar waslet ittra
minn għand Aurelio. Fiha l-ittra, żż-
żagħżugħ bagħat jgħidilha li kien ma
jħarrafiex ma' missieru, wegħedu li għandu
jkompli l-istudji tiegħu qabel ma jiżżewweġ.
"Baqagħalna nistennew biss ħames xhur..." Ġ.
Grazzjella, kull ma tmur bdiet sejra l-ura.
Wiċċha beda jogħtolob, ħaddejha kien sfajjar
u għajnejha bdew nieżlin fil-ħofra. Il-
ħin tal-jum kienet tgħaddih billi toqogħod
fis-sodda, taħseb f'dawk il-jiem ħelwin,
tistenna li tasal xi ittra li aħlar
ma bdiet tgħaddi ż-żmien, aħlar dawn bdew
jidbegħdu minn waħda għall-oħra.
Il-tabib ma jħaxxa x'kienet il-marda tagħha.
Kienet marda diffiċli... Marda li tiġi
l-qalb... Kienet l-imħabba... Bil-kmieni,
din kienet qegħda tressaqha ftit, ftit lejn
qabarha.

Kienu għaddew aħlar minn ħames xhur,
u f'dan iż-żmien is-saħħa li Aurelio
jerġa' l-ura lejn San Pawl il-Baħar, ~~jaqt~~
ma' bagħtlu qanwinja bħal qabel.

Dakka wahda, jidher Aurelio, waslet ittra minn ghand Grazulla: kienet ittra tal-l-ahhar tislima. ~~Is~~ Iz-zaghzugha kienet waslet fl-ahhar tal-hajjitha: "Is-Sliem" qaltlu fl-ittra taghha "li jiena mmut chun ahjar milli nghix il-boghod minnek".

Aurelio ma setghux jitlef zmien. Kriha r-rieda ta' niesu qabad kaless ~~&~~ u telaq minnufih ghal San Pawl il-Bahar.

Kien tard wisq. Quddiem il-bieb fejn kienet toqghod Grazulla kien hemm gemgha ta' nies, jibku t-telfa taz-~~zagh~~ zaghzugha...

"Mietet?" staqsa bhal twerwer mitlugh Aurelio"

"Iva," wieghu Tonzu bid-dmugh f'ghajnejh. "Mietet vittma ta' Iunkabblet".

U hawn, Aurelio mill-gdid zamgha f'widnejh dawk ~~il~~ l-ahhar kelmiet li kitbitlu Grazulla. "Li jiena mmut, chun ahjar milli nghix il-boghod minnek". Nizel gharkupptejh u mbikki reraq wicca ma haddejha biex itiha l-ahhar bewsa.